MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1374/2000/1

**Joseph Baldacchino**

**vs**

**Karen Mifsud**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fit-28 ta' Mejju 1998, kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. "A".

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u / jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu;

Illi l-partijiet rabtu l-kunsens taghhom ghall-kundizzjoni li tirreferi ghall-futur;

U illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

U illi ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null u bla effet ghat-termini tal-**artikolu 19 (1) (g) u / jew (d) u / jew (f) tal-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet**.

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta huwa null u bla effett.

L-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat il-verbal tas-7 ta' Frar 2001.

Rat in-nota ta' l-attur datata 9 ta' Frar 2001 li permezz taghha esebixxa kopja ta' kuntratt ta' separazzjoni li gie ppubblikat fl-4 ta' Novembru 1999 min-Nutar Dr. Daniela Borg.

Rat in-nota tar-Registratur tat-8 ta' Marzu 2001 li permezz taghha esebiet kopja ta' citazzjoni fl-atti ta' din il-kawza flimkien ma' ittra ffirmata minn Mary Micallef datata 26 ta' Frar 2001, li l-esponenti rceviet permezz tal-posta.

Rat il-verbal tat-2 ta' Mejju 2001 u tat-3 ta' Lulju 2001.

Rat in-nota ta' l-attur Joseph Baldacchino tas-7 ta' Settembru 2001 li permezz taghha esebixxa tliet (3) affidavits.

Rat il-verbali tat-30 ta' Ottubru 2001; tal-11 ta' Frar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; u tas-17 ta' April 2002 fejn inghata digriet tal-affidavit lill-konvenuta b'terminu ta' 30 jum.

Rat in-nota tal-konvenuta Karen Mifsud tal-15 ta' Mejju 2002 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess.

Rat il-verbal tal-25 ta' Gunju 2002 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-lum 21 ta' Novembru2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) Provi Prodotti.

Illi **Joseph Baldacchino** fl-affidavit tieghu qal:

"*Niddikjara li fit-28 ta Mejju, 1998, jien izzewwigt lil Karen Mifsud, mill-liema zwieg ahna ma kellnix tfal.*

*Ma kontx ilni wisq li ltqajt maghha pero` minn dak in-nhar bdejna niltaqghu ta spiss. Karen f'dak il-perjodu kien ghad ghandha dsatax-il sena filwaqt li jiena kelli tlieta u ghoxrin sena.*

*Fil-bidu tar-relazzjoni kien kollox mixi harir u dan sakemm il-genituri ta Karen skoprew li ahna konna qed nohorgu flimkien. Nghid li jiena ghandi negozju ta mastrudaxxa fejn nimpjega tlieta min-nies. Il-genituri ta Karen riedu li huha Kevin jidhol bi shab mieghi u jiena da parti tieghi qatt ma kelli shab u ghalhekk ma accettajtx din il-proposta.*

*Da parti taghhom iI-genituri ta Karen hadu dan ir-rifjut bi kbir u minn hemmhekk 'il quddiem huma bdew assolutament jopponu li Karen tibqa' tiltaqa mieghi.*

*Huma ghamlulha hajjitha infern tant li fid-dar bdew jew jinjorawha kompletament jew inkella jiggieldu maghha, ma kienux jahslulha l-hwejjeq u lanqas jaghtuha tiekol.*

*Nispjega li malli ghalaqt dsatax-il sena jien mort nghix ghal rasi u dan peress li iddejjaqni s-sikkatura tal-genituri tieghi. Fil-perjodu li bdejt nohrog ma Karen kont kwazi lestejt id-dar Ii kont qed nibni. Fil-fatt f'dak il-perjodu li nqala' l-inkwiet mal-genituri ta Karen, jien kont gia dhalt nghix fid-dar il-gdida tieghi u ghalhekk offrejtilha tigi tghix mieghi minflok tikri appartament.*

*Karen accettat u ghalhekk giet tghix mieghi. Jien hassejtni li kien jaqbilli b'dan l-arrangament ghax issa tabilhaqq ma kont nieqes minn xejn fis-sens li bqajt niekol ghand ommi u fil-ghaxija, wara li nispicca mix-xoghol, ma kellix ghalfejn nohrog ta' kuljum infittex it-tfajliet ghax Karen kienet taqdini.*

*Barra minn hekk Karen kienet ikkuntentat li meta kien ikolli aptit jien kont nohrog wahdi, hekk kif kont naghmel minn dejjem. F'dawn il-hargiet jien kont nitla' Paceville jew Bugibba. Mhux l-ewwel darba li jiena ltqajt ma' tfajliet u spiccajt qattajt il-lejl maghhom.*

*Karen ma setghetx taghmel mod iehor u ghalhekk kellha ta' bilfors thallini liberu ghax wara kollox kienet qed toqghod ghandi b'xejn, u jiena mill-ewwel urejtha li kont bi hsiebni nibqa' nghix hajja ta' guvni indipendenti.*

*F'dan iz-zmien jien kont ghaddej hajja pjacevoli peress li kif gia ghidt kont moqdi minn kollox u kelli tfajliet kemm ridt. Di fatti gieli hrigt ma' zewg nisa differenti f'gimgha, u dan barra Karen. Kull meta ridt nizvoga t-tensjoni tax-xoghol, jiena kont nohrog niddeverti u l-hena tieghi kienet li mmur nixrob.*

*F'dan iz-zmien irrejalizzajt li lil Karen ma kontx inhobbha izda kont qed ninqeda biha hekk kif nahseb kienet li wkoll qed tinqeda bija. Jien kont aktar nithassarha milli aktar, u dan peress li hija ma kellhiex kuntatt mal-familja taghha.*

*Nikkonferma li fil-perjdu meta konna qed nghixu flimkien jiena kont inqatta sieghat twal ix-xoghol. Fil-fatt kont u ghadni nahdem mis-7.00 a.m. sat-8.00 p.m. kuljum barra l-Hdud fejn nahdem sa nofsinhar. Da parti taghha Karen kien tahdem l-Island International bhala receptionist u sussegwentement bhala accounts clerk. Ghandi nghid li matul il-gurnata jiena nieqaf ghall-break ta nofs siegha u nibqa' fil-garaxx niehu bicca hobz. Mhux l-ewwel darba wkoll li bix-xoghol li jkolli nohrog ghax-xoghol fil-5.00 a.m. u nibqa' hemm sat-tard.*

*Nikkonferma li bil-mod Karen urietni x-xewqa li nizzewwgu. Jiena da parti tieghi ma ridtx nizzewweg peress li kont ghaddej tajjeb kif kont u ma kontx lest li nissagrifika l-liberta tieghi billi nintrabat fiz-zweig. Ghadda ftit aktar zmien u Karen iffissat li riedet tarbija qabel iz-zwieg u dan biex nizzewwgu zgur. Fil-fatt minflok "bongu" fil-ghodu, hija kienet tghidhi "irrid baby". Fl-intimitajiet li kien ikollna flimkien jien bdejt noqghod hafna attent ghax assolutament ma ridtx li ninqabad b'xi tarbija u b'hekk ikolli xkieb doppju u nkun kostrett li nhalli l-hajja li qbadt.*

*Tant kienet dejjqitni Karen titlobni tarbija li sahansitra darba heddidtha li jekk tibqa' sejra hekk jiena kont ser inkeccieha mid-dar.*

*Da parti taghha pero', hija xonta wahda baqghet tinsisti li kellna nizzewwgu. Ghalhekk wara xhur b'dan it-tgergir jiena tant iddejjaqt li accettajt li nizzewwgu. Kif diga' ghidt, il-hinijiet tieghi tax-xoghol huma twal hafna, u dan peress li jiena dejjem kelli naqdef ghal rasi u fuq kollox nammetti li jiena ffissat f'xogholi. Nghid ukoll li minhabba l-istil ta hajja li kont nghix, jiena qatt ma sibt l-opportunita u qatt ma ghaddieli minn rasi li nieqaf u nirrifietti fuq x'ser ifisser zwieg u r-responsabiltajiet li suppost igib mieghu z-zwieg.*

*L-unika haga li kienet tinteressani kienet li nibqa' nghix hajti, u ghahhekk kont ghamiltilha diversi kondizzjonijiet fosthom li nibqa' nohrog wahdi kull mete ridt u hi ma kelliex tistaqsini fejn u ma' min kont inkun u li t-tfal assolutament ma ridtx. Nghid li wara li accettajt li*

*nizzewwgu Karen qatt ma semmietli izjed li riedet tfal, anki wara z-zwieg.*

*Jien accettajt li nizzewwgu biss bic-civil. Karen qablet mieghi minnufih ghax dak iz-zmien hija kienet qed taqbel ma' dak kollu li kont nghidilha. Fil-fatt ahna morna l-Insinwa sabiex napplikaw ghall-bandi. Nghid li l-familjari tieghi, in partikolari missieri, huma nies tal-Knisja ferm. Peress li missieri kien jahdem l-Insinwa huwa sar jaf b'dan, u bl-inkwiet tieghi wara ftit jiem tah attakk tal-qalb.*

*Niftakar li ommi giet tibki minnufih ghandi u talbitni bil-hniena li jekk ghandi nizzewweg, kelli naghmel hekk bil-Knisja wkoll biex ma nikwetax aktar lil missieri. Nghid li jiena ghidt lil ommi li lanqas biss ridt nizzewweg bic-civil ahseb u ara bil-Knisja. Pero' mete rajtha daqshekk inkwetata u bdiet ukoll tibki, accettajt li nizzewweg bil-Knisja.*

*Nikkonferma li t-tieg hallast ghalih kollox jiena peress li l-genituri ta Karen kienu ghadhom ma jkellmuhiex f'dak il-perjodu. Fil-fatt il-genituri taghha lanqas biss attendew ghac-cerimenja tat-tieg. Ahna kellna tieg normali, pero' jiena da parti tieghi niftakar li kelli dwejjaq kbar. Ghandi nghid ukell li l-gumnata kienet il-Hamis u ghalhekk jiena fil-ghodu kont mort ghax-xoghol bhas-soltu, pero' domt sas-1.00 p.m. biss.*

*Mete wara t-tieg rajt il-video in partikolari tal-Knisja dehert fic-car kemm kont imdejjaq. Nispjega li jien inhobb il-qatra u fil-fatt bosta drabi nispicca nixrob flixken shah ta' nbid f'gurnata. Qabel mort ghall-quddiesa ukoll xrobt naqra biex nipprova nhossni ahjar. Nghid pero' li jien xorta bqajt bid-dwejjaq. Waqt ir-riveviment jien komplejt nixrob u sal-ahhar tar-riceviment spiccajt imlahla sew.*

*Nammetti wkoll li dak in-nhar it-tieg, u cioe` l-Hamis u l-ghada l-Gimgha jiena ma mortx ghax-xoghol u fil-fatt kont bkejthom ferm dawn il-granet peress li jiena rari niehu jumejn off mix-xoghol. Kif ghidt aktar 'il fuq ghalija z-zwieg kien kollu zejjed peress li kif kont ghaddej kont tajjab.*

*Nikkonferma li malli zzewwigna. Karen biddiet l-attitudni taghha kompletament. Fejn qabel izzewwigna hija kienet taghmel dak kollu hi kont nghidilha wara bdiet taghmel ta rasha biss. Kienet qabdet tohrog ghal rasha u tghidli li sejra ma' shabha tiehu drink. Hi kienet ukoll iddum ma tidhol id-dar u kien hemm drabi fejn jiena sahansitra dhalt qabilha d-dar. Nghid pero` li da parti tieghi jiena dejjem hallejt lil Karen fil-liberta u l-istess nghid li hi dejjem hallitni naghmel li rrid. Nghid ukoll li jiena ma kontx nindahhilha fi x'hin tidhol. Kif diga' ghidt fir-rigward tax-xoghol, jiena qatt ma kont lest li naghmel xi komproemess u din dejjem ghamiltha cara u fil-fatt dan kien jafu kulhadd, li x-xoghol ghalija jigi l-ewwel u qabel kollox u kulhadd.*

*Nghid ukoll li anke fir-rigward tal-flus taghna, it-tnejn li ahna konna mmexxu ghal rasna. F'dan is-sens jien kont namministra flusi kif ifettilli u kif ikolli bzonn. Min-naha taghha l-mara kellha l-paga qatt ma staqsejtha dwar xejn.*

*F'Dicembru, il-mara bidlet l-impjieg taghha u marret tahdem f'is-Sunny Coast Hotel, u dan pemess li qalet li l-lukanda ser taghlaq. Fil-fatt wara kelli nsir naf li dan ma kienx minnu u li kienet gidbitli. Nghid li s-Sunny Coast kienet tahdem sal-4.00 p.m.*

*F'Marzu, 1999 jiena sifirt fuq xoghol u ghamilt hamest ijiem incempel id-dar u ma jirrispondi hadd. Fil-fatt wara l-ewwel jumejn jien bdejt nissuspetta hazin u qattajt it-tlett ijiem ta wara ncempel lejl u nhar u hadd baqa' ma rrisponda.*

*Mete gejt lura Malta, Karen qaltli li kienet ghand iz-zija taghha. Da parti tieghi jiena ma ndagajtx aktar.*

*Nixtieq nghid ukoll li matul iz-zwieg ma nistax nghid li jien u Karen ghamilna affarijiet flimkien. Fil-fatt kienu rari hafna l-okkazzjonijiet li hrigna fhimkien. Meta kien ifettilli jiena xorta kont nohrog wahdi. Nghid ukoll li mete jiena kont nidhol tard, Karen kienet tkun rieqda. Inzid ukoll li min-naha taghha Karen qatt ma ndahlet u jekk ma nghidilhiex jiena ma kenitx tistaqsi fejn u ma' min kont.*

*F’Gunju 1999, marti waqt li kienet tkun fil-kumpannija tieghi u tal-familjari tieghi, kienet issib skuza u titlaq lejn id-dar. Malli ghamlitha t-tielet darba u cioe’ fis-7 ta Gunju, 1999, jiena mort id-dar u ghafast il-last radial fuq it-telefon. Hemmhekk irrisponda ragel u ghalhekk dort fuq marti u ghidtilha “jekk ghandek wicc haddiehar itlaqli ‘l barra u ara ma tigix lil hawn”. L-ghada Karen harget ghax-xoghol u ma gietx lura.*

*Min-naha tieghi jiena ma hsibtix darbtejn u qbadt u bdilt is-serratura tal-bieb. Jiena assolutament ma ridtx naf biha u minn dakinhar ‘il quddiem jien insejtha u hi ma baqatx parti minn hajti.*

*Sussegwentement sirt naf li marti kellha relazzjoni ma’ Andre` Bernard Farrugia, u cioe’ l-Manager taghha. Hija kienet ilha xhur ghaddejja b’din ir-relazzjoni u fil-fatt illum il-gurnata Karen ghadha qeghda tghix mieghu.*

*Ghal bidu kont iddejjaqt li wara sitt xhur biss ta zwieg Karen kienet gia bdiet taqlibieli izda wara kollox il-Malti sewwa jghid li kif taghmel jghamluhek, ghax il-verita hi li jien anke wara z-zwieg kont bqajt nohrog wahdi u dan ghalhekk lil Karen qatt ma ghidtiha xejn.”*

Illi fl-affidavit taghha **Philippa Baldacchino** sostniet:

“*Niddikjara li jiena nigi omm Joseph Baldacchino. Flimkien ma’ Joseph, jien ghandi zewg subien ohra u tifla.*

*Meta ibni Joseph ghalaq dsatax-il sena huwa ddecieda li jitlaq mid-dar tieghi. Joseph qal li ried jiehu dan il-pass sabiex ma jkollux sikkatura da parti tieghi u zewghi. Huwa fil-fatt mar ighix fil-garaxx tieghu f’Haz-Zebbug stess. Pero, xorta wahda baqa jigi d-dar regolarment.*

*Nikkonferma li Jeseph kemm-il darba kien ighidli li huwa kien qed johrog ma’ diversi tfajliet. Fil-fatt tant kien isemmi tfajliet li jiena bil-kemm kont nemnu. Pero’ nghid li bosta drabi kont effettivament narah fil-kumpannija ta’ tfajliet differenti.*

*Meta kont narah hekk, jiena kont naghtih parir sabiex isib tfajla bil-ghaqal u jizzewwigha. Pero` huwa ma kienx jaghti widen ghal dak li kont nghidlu u kien dejjem mohhu fix-xoghol biex bil-flus li jaghmel ikollu biex jiddeverti.*

*Anzi huwa kien jghidli li ma kellu mohh ebda zwieg u ma riedx jintrabat ma hadd biex b'hekk ikun jista' jibqa' jgawdi. Ghal Joseph iz-zwieg kien iffisser irbit, haga li zgur huwa qatt ma ried.*

*Darba wkoll, f'wahda minn dawn l-okkazzjonijiet, kien irrimarkali li huwa zgur li ma riedx tfal ghax dawn ukoll ikomplu jxekkluh fil-hajja ta' divertiment li kien qed jghix. Jien ma komplejtx nikkommenta ghax bejni u bejn ruhi ghidt li Joseph kien ghad irid jimmatura u mbaghad, forsi jibda jahsibha mod iehor.*

*Nghid li meta ghalaq tnejn u ghoxrin (22) sena Joseph gharrafni li huwa kien qed johrog ma tfajla regolarment. Din kienet Karen Mifsud. Naf li mill-bidu nett Joseph kellu l-inkwiet mal-familjari ta din Karen. Fil-fatt huma kienu qalulu sabiex jitlaqa' jew inkella jispiccaw ikeccuha mid-dar taghhom. Nghid li jiena ltqajt darba biss mal-genituri ta din Karen.*

*Da parti tieghu Joseph ried jitlaqa' lil Karen peress li ma xtaqx inkwiet. Kif ghidt, ibni kien ghadu mohh ir-rih u l-inkwiet kien jevitah. Skond ma' qalli Joseph, meta mar ighid lil Karen li ser jitlaqa' hija hedditu li ser taqbez. Niftakar li Joseph kien gie inkwetat ferm id-dar taghna, u meta qal lil zewgi, ir-ragel tieghi tah parir biex ma jitlaqiex ghax mhux sew. Nghid li zewgi huwa ragel tal-Knisja.*

*Ghadni niftakar li ibni dak il-hin qiesu dahal f'qoxortu wara li sema' kliem missieru u telaq kwiet il-barra.*

*Ftit jiem wara Joseph qalli li kien ser jibqa' johrog ma' Karen, hekk bi sfida lill-genituri taghha. Anzi din kienet sejra tghix mieghu fid-dar li kien ghadu kif lesta. Da parti tieghi jiena ma hadtx gost b'din id-decizjoni, pero` Joseph qalli li thassarha wisq lil Karen u ghalhekk iddecieda li jaccetta li tmur tghix mieghu.*

*Jien spjegajtlu li biex jghix ma' mara bhala martu huwa ried ikun ihobbha u mhux b'impika mal-genituri taghha jew ghax kien qed jithassarha. Huwa ma wegibnix u xorta ghamel li qaltlu rasu.*

*Wara Ii bdew joqghodu flimkien, Karen u Joseph kienu jigu regolarment ghandi.*

*Nikkonferma li f'dan il-perjodu ibni kellu hafna xoghol u kien jibda jahdem fis-6.00 a.m. u kien jibqa' ghaddej anke sad-9.00 p.m. u dan bis-Sibt b'kollox. Huwa ghandu s-sengha ta' mastrudaxxa u nikkonferma li dejjem mimli bl-ordnijiet tan-nies. Nikkonferma wkoll li ibni kellu fissazzjoni ghax-xoghol u minn mindu kellu ghaxar snin huwa kien il-hin kollu mohhu biex jahdem.*

*Nghid li darba minnhom, proprju ftit wara li huwa kien beda jghix ma' Karen, ibni Joseph gie d-dar u gharrafni li hu u Karen kienu ser jizzewwgu fi zmien tlett xhur. Jien u zewgi ma kkonnix qed nistennew li ibni qatt setgha jiehu din id-decizjoni peress li kif ghidt aktar 'il fuq huwa kien mohh ir-rih, u ma kien jimpurtah minn xejn hlief mix-xoghol u li jkollu l-flus sabiex jiddeverti. Anzi, kif gia ghidt huwa assolutament ma ried jaf bl-ebda rbit. Huwa kien ghadu immatur u zgur li ma kienx jaf x'inhuma sagrificcji u responsabilta li z-zwieg igib mieghu.*

*Joseph gharrafna wkoll li z-zwieg kien ser ikun bir-rit civili. Mete zewgi semgha hekk tah attakk tal-qalb bl-inkwiet, peress li kif ghidt huwa ragel sew u tal-Knisja. Kien ghalhekk li meta Joseph ra lil missienu f'dik il-kundizzjoni ddecieda Ii jizzewweg bil-Knisja wkoll.*

*Niftakar li fi zmien tlett xhur Joseph u Karen ippreparaw kollox. F'dan il-perjodu qatt hadd minnhom, quddiemi, ma semma' li riedu t-tfal wara z-zwieg. Donnu kollox kien qed isir minghajr ebda pjan. Fil-fatt biex ikollhom is-servizzi kollha, it-tieg ghamluh fost il-gimgha f'jum tal-Hamis. Niftakar li waqt ic-cerimonja tat-tieg, ibni ma kienx jidher kuntent. Kien tens hafna. Fil-fatt naf li hin minnhom Joseph sahansitra spicca hataf hatfa kerha lil ohtu Connie*

*peress li din ghaddietlu kumment dwar il-fatt li kien ser jizzewweg u ma kienx f'xi funeral. Hemmhekk deher fic-car in-nervi kbar li kellu li ghalija ma kienux nervi ta ecitament, izda nervi ghall-fatt li kien ser jizzewweg.*

*Wara z-zwieg il-hajja ta' ibni u Karen baqghet ghaddejha b'mod normali, bit-tifel iqatta l-maggor parti tal-hin ix-xoghol.*

*F'okkazzjoni minnhom f'Marzu, 1999, ibni siefer ghal ftit jiem b'xoghol l-Italja. Ahna konna ftehmna ma' Karen li din kellha tigi torqod ghandi sakamm jigi lura Joseph. Meta telaq pero`, Karen baqghat ma gietx u dan minghajr ma avzatna xejn.*

*Ftit jiem wara Karen giet id-dar u niftakar li zewgi hatafha u staqsieha fejn marret. Da parti taghha Karen qaltlu li hija kienet marret ghand zijitha Sandra u harget maghha u damu sat-3.00 a.m. Jiena qatt ma rajt lil zewgi daqshekk irrabjat f'hajti.*

*Meta gie lura t-tifel jiena m'ghidtlu xejn b'dan kollu biex ma naqlax inkwiet.*

*Xi tlett xhur wara, waqt il-festa Karen ghal tlett darbiet wara xulxin, qamet u telqet minn hdejna b'xi skuza jew ohra u tghid li kienet qed tmur lejn id-dar. Fit-tielet jum, Joseph irrabja u qal li kien sejjer warajha biax jara x'qed taghmel. L-ghada ibni gie u qalli li kecca lil martu mid-dar peress li kien qabadha ghaddejja b'relazzjoni ma ragel iehor.*

*Da parti tieghu ibni ma hadiex bi kbira ferm is-separazzjoni u wara ftit jiem rega' beda jghix il-hajja tieghu normali, mohhu fix-xoghol u wara jigri u jiddeverti mat-tfajliet."*

Illi fl-affidavit tieghu **John Spiteri** qal is-segwenti:

"*Illi Joseph Baldacchino ili nafu zmien, Iltqajt mieghu meta darba nzertajt qieghed f'Kazin gewwa Haz-Zebbug u qbadna nitkellmu. Jiena kont naf li huwa mastrudaxxa u*

*niftakar li qbadt inkellmu fuq kcina li ridt naghmel id-dar. Ghidtlu li ma kellix spazju fejn nahdem. Niftakar li Joseph kien offrieli li nibda ninzel il-workshop tieghu li jinsab Haz-Zebbug u nahdimha hemm.*

*Maz-zmien sirna hbieb sew. Jiena kont ninzel il-workshop tieghu u noqghod nahdem hemm wara l-hin tax-xoghol. Domt qiesu xi sena sakemm lestejt il-kcina. Wara li lestejtha bqajt immur ghandu naghtih daqqa t'id fix-xoghol li kellu.*

*Il-familja ta' Joseph kont nafha minn qabel peress li r-ragel ta' ohtu kien imexxi l-bar tal-Kazin ta' San Filepp gewwa Haz-Zebbug. Kien hemmhakk li jiena kont sirt naf il-familja tieghu. Lill-genituri ta' Joseph nafhom bhala nies tar-rispett u naf ukoll li l-missier huwa religjuz hafna.*

*Naf li kif Joseph ghalaq 19-il sena huwa mar ighix ghal rasu. Joseph dejjem kien ighidli li kien ifittex l-indipendenza. Joseph kien beda johrog ma' certu Karen Mifsud u f'xi zmien din dahhlet tghix mieghu. Fil-fatt kellha l-inkwiet mal-familja taghha u ma kellhiex fejn tmur.*

*Il-genituri ta' Joseph ma kienu kuntenti xejn b'din is-sitwazzjoni li kien jinsab fiha binhom. Kemm-il darba qalulu li hutu kienu kollha mizzewgin u li huwa messu jaghmel bhalhom. Bhala habib tieghu kien hemm drabi fejn jiena ghidt lil Joseph li dik ma kenitx hajja u li messu jara x'jaghmel biex jirranga l-affarijiet. Nghid li Joseph ma kien jiehu pjacir xejn b'dawn il-kummenti u kien ighidli biex ma noqghodx naqbadlu fuq dawn l-affarijiet. Meta wara darbtejn rajtu hadha tant bi kbira ddecidejt li ma nkellmux fuq dan is-suggett.*

*Sahansitra minn wara dahru, omm Joseph kemm-il darba giet tghidli biex nara kif naghmel biex ingennu jizzewweg halli jkun bhal hutu u ma jibqax ighix mat-tfajla barra mis-sagrament taz-zwieg. Kienet tghidli li peress li jiena kont il-habib tieghu, minghandi kien forsi jisma'. Meta kont inkellem lill-missier Joseph dan kien jesprimi d-dispjacir tieghu ghal fatt li ibnu kien qieghed ighix ma Karen mhux fis-sagrament taz-zwieg.*

*Veramant li Joseph kellu pressjoni qawwija sabiex jizzewweg lil din it-tfajla fil-fatt anke jekk kien imur id-dar jara lill-genituri tieghu, is-suggett kien jaqa' fuq iz-zwieg. Joseph kien kontinwament jilmenta mieghi dwar il-fatt li qeghda ssir din il-pressjoni kollha fuqu, anke sahansitra minghand Karen. Mhux l-ewwel darba li qalli li ma kienx jiflah iktar ghal din il-pressjoni.*

*Li kien qieghed idejqu l-iktar kien li huwa kellu hafna spejjez fin-negozju u kien qieghed jipprova jigi fuq saqajh. Skond hu, iz-zwieg kienet l-ahhar haga li kellu hin x'jahseb dwarha u fil-fatt kien ighidli li l-pressjoni li n-nies kollha ta' madwarha kienu qeghdin jaghmlulu, kien qieghed itellfu mill-koncentrazzjoni.*

*Peress li jiena kont qrib hafna ta' Joseph stajt napprezza li kien ghaddej minn zmien difficli hafna. Fil-fatt nghid li dan affetwa t-tip ta' xoghol li beda jahdem. Joseph kien sar nervuz u jiena fhimt minn qabel iz-zwieg li l-pass li kien ser jiehu kien ghalih mezz sabiex jahrab mill-pressjoni li kienet qeghda ssirlu mill-familja u minn Karen. Bizzejjed nghid li Joseph lanqas biss ried jizzewweg bil-Knisja. Pero` fuq insistenza tal-familja tieghu u ta' Karen, u kontra qalbu, kien izzewweg bil-Knisja.*

*Ghandi nghid li meta Joseph izzewweg jiena kont il-bestman. Niftakar li Joseph kien qisu bniedem ieher. Kien nervuz hafna u ghalija, li kont nafu sew, kien jidher li qieghed jaghmel xi haga ta' bilfors. Fil-fatt ma kienx ferrihi bhas-soltu u kellu genn biex kollox jispicca. Niftakar li anke beda jahtaf. Hekk per ezempju jekk ghidtlu biex niehdu r-ritratti, beda kif jaghmel biex jevitani. Anka waqt il-quddies kien nervuz u qiesu kellu biza' fuqu.*

*Inzid nghid ukoll li wara li Joseph u Karen izzewgu, ma damx qabel ma beda l-inkwiet. Naf li Karen bdiet tohrog mal-hbieb u kienet iddum barra. Min-naha tieghu Joseph ma kienx jindahlilha u hu kien jibqa' ghaddej b'xogholu. Bizzejjed nghid li konna nkunu qeghdin il-workshop fit-tard, u kienet tigi Karen. Bil-kalma kollha kienet tistaqsih x'kienu ser jieklu meta Joseph kien ikun ilu minn kmieni*

*filghodu jahdem fil-workshop. B'rispett lejn Joseph, mhux l-ewwel darba li jiena kont incempel lill-mara tieghi u nghidilha sabiex tipprepara xi haga ta' l-ikel ghal Joseph u Karen. Dan ghalkemm jiena u l-mara nkunu diga' kilna u l-mara tkun nadfet il-kcina. Dan il-pass kont naghmlu ghaliex kont inhoss ghal Joseph u ma kontx inkun irrid narah sejjer lura lejn id-dar u jiekol l-imbarazz wara gurnata xoghol.*

*Inzid nghid li meta Karen gabet il-licenzja tas-sewqan ftit li xejn baqghat tidher. Kienet taqbad il-karrozza ta' Joseph u tlebbet il-barra. Bizzejjed nghid li dakinhar stess li gabet il-licenzja kienet harget mal-hbieb. Niftakar li kienet dejjem issib xi skuza sabiex tohrog. Min-naha tieghu Joseph ma kienx jistaqsi.*

*Nghid ukoll li kien hemm drabi fejn jiena mort id-dar ghand Joseph, meta kienu ser jiguh xi haddiema. Huwa kien jaghtini c-cavetta sabiex ikun jista' jibqa' fil-workshop. Nghid li kull darba li dhalt, id-dar kienet mahmuga u kien hemm telqa kbira. Fil-fatt jiena stess kont nisthi ndahhal in-nies f'dak l-ambjent. Il-mejda ta' l-ikel kienet tkun mimlija bi platti mahmugin. L-art kienet tkun inkallata u fil-kmamar hlief taqlib ma kontx tara. Kien jidher bic-car li fid-dar ma kien qieghed isir xejn u li kien hemm telqa kbira. Bizzejjed nghid li mhux l-ewwel darba li waqt li kont qieghed nistenna lill-haddiema kont nisbarazza daqsxejn.*

*Naf ukoll li f'xi zmien Karen biddlet ix-xoghol u marret tahdem is-Sunny Coast. L-atteggjament taghha lejn zewgha kompla jmur ghall-aghar u l-ftit li kont niltaqa' maghha kienet dejjem tfahhar lill-manager il-gdid li kellha. Dan il-kliem ma kien joghgobni xejn u ma kontx naraha normali minn mara li ma kienitx ilha li zzewget. Fil-fatt is-sitwazzjoni ta' bejniethom baqghet tmur ghall-aghar sakemm huma sseparaw wara sena biss ta' zwieg."*

**(B) PRINCIPJI LEGALI**

Illi dawn il-premessi jwasslu sabiex jinghad li l-attur qed ivvanta li l-imsemmi zwieg kien null u bla effett ghat-termini tal-**artikolu 19 (1) (g) u/jew (d) u/jew (f) tal-Att XXXVII tan-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.**

Illi fil-premessi tac-citazzjoni l-attur qal li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha liema premessa qeghda tirreferi ghall-artikolu **19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fl-istess premessi jinghad, li l-attur sostna li l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, liema premessa qeghda tirreferi ghall-artikolu **19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:

**"Artikolu 19 (1**) *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita` taz-zwieg *o meno* taht dawn iz-zewg sub-incizi separatament,

u fl-ewwel lok, taht **l-artikolu 19(1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi **artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi ghar-rigward tal-istess **artikolu 19 (1) (d)** mill-provi migbura jirrizulta li l-kontendenti, qabel ma zzewgu, ma kkunsidrawx bis-serjeta` l-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. Fil-fatt inghad li l-kuncett ta' d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess* a *critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly"*.

*"Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism, immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961* ***Sabattani*** *held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'aementia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage … … ... Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity … …".*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard*** in ***'*L'immaturite' et le consentement matrimonial*"*** (pg. 54-55) jghid is-segwenti:-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders*

*to the 'ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar, 2000); **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002); **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002); **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002; "**Emanuel Walter Vella vs Mona Lisa Vella**" (P.A. (RCP) 1 t'Ottubru 2002) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti esposizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties, which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring.* ***(Viladrich, P.J.*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"** *(Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*"Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".* (***Vidadrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi dan l-animu tal-istess partijiet manifestat fl-azzjonijiet taghhom, huwa ghal kollox distint u differenti minn dawk li gew skond il-gurisprudenza nostrali konsiderati bhala d-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, tant li fis-sentenza **"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed"** (P.A. (NA) 27 ta' Lulju 1999) inghad li:-

*"Fil-kawza **"Haidin vs Haidin"** (PA. (Q.K) 7 ta' Lulju 1994), il-qorti qalet illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li vermament ikun irid johloq 'a partnership for life'".*

*"Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta` u l-assistenza, l-unita` u l-indossubbilta' taz-zwieg, l-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-'communio vitae'. Fil-kawza* ***"Micallef vs Micallef'*** *deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi dan kien ovvjament mankanti bejn il-partijiet, kemm mill-konvenuta kif gja indikat, u wkoll mill-attur, u dan ghaliex jidher car li l-partijiet ma zzewgux ghaliex kienu b'xi mod ihobbu lil xulxin, b'mod li jaghtu lilhom infushom ghal xulxin ghal hajjithom kollha, jew ghal xi sentiment ta' mhabba li jkunu jhossu ghal xulxin.

Illi fil-fatt jirrizulta li l-attur lanqas biss kellu gibda ta' xejn lejn l-istess konvenuta u baqa' konsistenti f'dan is-sentiment jew nuqqas tieghu kemm qabel u kemm wara l-istess zwieg fejn huwa ddikjara aktar minn darba kemm fl-affidavit tieghu li huwa qatt ma ried jizzewweg lill-konvenuta ghaliex ma kienx ihobbha u kienet biss il-pressjoni li ghamlitlu l-konvenuta li galitu jizzewweg.

Illi dan huwa kkonfermat mill-affidavits ukoll ta' Philippa Baldacchino, omm l-istess attur u mill-konoxxenza tieghu John Spiteri.

Illi fil-fatt jirrizulta illi l-kontendenti ghamlu xi zmien jghixu flimkien anke qabel iz-zwieg u huwa accetta li jizzewweg lill-konvenuta bil-kundizzjoni li huwa jibqa' jaghmel dak li jrid hu.  Tant kien imdejjaq b'din is-sitwazzjoni illi fil-gurnata tat-tieg u biex jisforza lilu nnifsu biex imur, huwa

anke xorob meta kien jaf li huwa kellu, ghalinqas hekk jidher mill-affidavit, problema ta' xorb. Certament li f'dan il-kuntest l-attur izzewweg lill-konvenuta mhux minhabba xi sentimenti jew imhabba jew ta' l-inqas rispett li huwa kellu lejha, izda biss minhabba pressjoni li huwa hass minghandha u wkoll ghaliex huwa hassu komdu li jzomm dan l-ispeci ta' *status quo.*

Illi fil-fatt huwa sintomatiku dak li huwa qal fl-affidavit tieghu u juri l-mod irresponsabbli li bih l-attur dahal ghaz-zwieg mal-konvenuta bla ebda konsiderazzjoni ghal dawk li huma l-obbligi essenzjali tal-istess zwieg u l-kuncett innifsu taz-zwieg kif fuq spjegat. Fil-fatt l-istess attur jghid:

*"L-unika haga li kienet tinteressani kienet li nibqa' nghix hajti, u ghalhekk kont ghamiltilha diversi kondizzjonijiet fosthom li nibqa' nohrog wahdi kull mete ridt u hi ma kelliex tistaqsini fejn u ma' min kont inkun u li tfal assolutament ma ridtx. Nghid li wara li accettajt li nizzewwgu Karen qatt ma semmietli izjed li riedet tfal, anki wara z-zwieg."*

Illi min-naha taghha l-konvenuta wriet nuqqas serju ta' diskrezzjoni peress li hija bdiet ir-relazzjoni mal-attur ghar-ragunijiet kollha zbaljati ghaliex jidher li kienet iffisata fuq l-attur tant li din l-istess fissazzjoni ma hallitiex tara l-indifferenza li l-istess attur kellu lejha u wkoll li addirittura kien qieghed juzaha ghall-iskopijiet tieghu, ghalkemm hija kienet lesta li toqghod ghal dan sabiex tilhaq l-iskop taghha li torbot lill-attur biz-zwieg.

Illi dan kollu wassal sabiex il-partijiet ressqu ghal dan iz-zwieg b'kunsens ivvizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u d-drittijet u dmirijiet naxxenti mill-istess u dan iwassal sabiex jigi ddikjarat b'din id-decizjoni li hemm ragunijiet sufficjenti li tali zwieg jigi kkunsidrat bhala null u bla effett anke skond l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255**.

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif

ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frazi "*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ippruvat il-'*finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walsh"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. 14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jghati l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie insenjat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol.X p.912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci*

*jghati l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002) inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jghatu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il--Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilta' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cioe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilita` tal-familja. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"consortium vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilita' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossubbilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta` u formazzjoni tal-familja. L-ligi Maltija tippresuponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubbilta' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J*. Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li: *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*****,** fil-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, "**Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions - A Historical Synopsis and Commentary".** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubbilta') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li inghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe':-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mil-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero' fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-omissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe' issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori iz-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jidher li ghalhekk l-attur ipprova ukoll li dan huwa kaz ta' annullament taz-zwieg li jaqa' taht id-disposizzjoni tal-**artikolu 19 (f) tal-Kap 255,** u dan peress li jidher mill-provi prodotti li l-attur qatt ma kellu intenzjonijiet serji dwar l-istess zwieg naxxenti mill-fatt ippruvat li huwa qatt ma kellu u wisq anqas wera intenzjoni, hsieb jew almenu xewqa li huwa jqatta' hajtu mal-konvenuta bhala ragel mizzewweg, izda l-intenzjoni tieghu kienet biss li jzomm il-posizzjoni komda li huwa hassu li qieghed fiha u dan inkredibbilment nonostante l-fatt li huwa kien addirittura avvers ghall-idea li huwa jizzewweg lill-konvenuta.

Illi min-naha l-ohra l-konvenuta kienet biss intenzjonata sabiex akkost ta' kollox tizzewweg lill-attur bl-isperanza fierha li l-affarijiet jirrangaw wara tali zwieg; dan ovvjament kien impossibli, fl-ewwel lok ghaliex il-kontendenti qatt ma kkommettew ruhhom ghal xulxin, u fit-tieni lok u anke b'konsegwenza ghall-ewwel raguni kull parti inkluz il-konvenuta waslu ghaz-zwieg a skopijiet egoistici taghhom bla ebda konsiderazzjoni ghal dak li hi jew mhix, jew thoss jew ma thossx il-parti l-ohra.

Illi l-kunsens ghalhekk tal-partijiet kien vizzjat anke ghaliex fih innifsu u kif dahlu l-partijiet ghal dan iz-zwieg kien impossibbli li tali zwieg jirnexxi ghaliex il-bazi kollha ghaliex wiehed jidhol ghall-istess zwieg kienet fil-partijiet ghal kollox mankanti, u fil-fatt is-sitwazzjoni ghall-aghar marret, anke ghaliex meta l-konvenuta intebhet bir-rejalta ta' l-agir ta' l-attur lejha, hija bdiet taghmel l-istess u tghix biss ghaliha, bla ebda interess lejn l-attur.

Illi huwa ovvju li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat peress li dan inkiser bl-eskluzjoni ta' l-elementi kollha bazici u essenzjali ghall-hajja mizzewga bejn il-kontendenti u dan huwa ghal kollox distint u differenti minn dawk li gew skond il-gurisprudenza nostrali konsiderati bhala d-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, kif jidher fis-sentenza gja citata **"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed"** (P.A. (NA) 27 ta' Lulju 1999) li wkoll tapplika ghal din l-ipotezi attwalment

konsiderata taht l-istess subartikolu tal-**Kap 255,** attwalment ikkunsidrat, u dan meta inghad li:-

*"Fil-kawza **"Haidin vs Haidin"** (PA. (Q.K) 7 ta' Lulju 1994), il-qorti qalet illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li vermament ikun irid johloq 'a partnership for life'".*

*"Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta' u l-assistenza, l-unita' u l-indossubbilta' taz-zwieg, il-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-' communio vitae'. Fil-kawza **"Micallef vs Micallef'** deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi ghalhekk din il-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti thoss li anke fuq din il-bazi hemm ragunijiet sabiex tintlaqa' t-talba attrici abbazi tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255.**

Illi abbazi tal-premess ma jidhirx li hemm bzonn ghal din il-Qorti li tidhol fil-premessa l-ohra skond l-**Artikolu 19 (1) (g)** u dan peress li dan iz-zwieg diga gie dikjarat null *ai termini* tal-**Artikoli 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 12.**

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu biss dawn jikkontrastaw ma dak fuq premess u deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta fit-28 ta' Mejju 1998 huwa null u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Illi l-ispejjez tal-kawza jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**21 ta' Novembru 2002**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**21 ta' Novembru 2002**